**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-28 ta' Jannar 2021**

**Rikors Numru : 242/2020 JPG**

**Kawza Numru : 27**

**DB**

**U**

**NM**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors kongunt ta' DB u NM datat 3 ta' Awissu 2020, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-esponenti zzewwgu nhar it-12 ta' Awwissu 2012, skond kif jidher* mill-Att taz-Zwieg *relattiv illi kopja tieghu qed tigi hawn annessa, esebita u mmarkata bhala Dok. A;*

*Illi miz-zwieg bejn l-esponenti, nhar X twieldet il-minuri PB;*

*Illi z-zwieg bejn l-esponenti sfaxxa u tkisser irremedjabbilment, u dan minhabba ragunijiet rikonoxxuti mil-Ligi, u effettivament huma ilhom isseparati de facto, sa minn Marzu 2015, b'dan illi huwa sodisfatt ir-rekwizit ta' l-Artikolu 66B(a) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Illi llum-il gurnata, l-esponenti jghixu hajja totalment separata minn xulxin, u ghalhekk ma ghad hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejniethom. B'hekk huwa sodisfatt ukoll l-Artikolu 66B(c) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet*

*ta' Malta;*

*Illi l-esponenti lahqu ftehim bejniethom dwar kull aspett ghas-separazzjoni personali taghhom, u l-abbozz ta' kuntratt relattiv jinsab hawn anness, esebit u mmarkat bhala Dok B;*

*Illi permezz tal-Kuntratt ta' Separazzjoni personali taghhom (Dok. B), il-partijiet qieghdin , inter alia, jifthiemu s-segwenti:-*

- *Permezz tal-Klawsola 2, iz-zewg partijiet irrinunzjaw ghad-dritt illi jircievu manteniment minghand xulxin;*

- *Permezz tas-Sezzjoni Maintenance Klawsola a) et seq, ir-ragel obbliga ruhu ii jhallas il-manteniment ghall-wild minuri, kif gara b'mod puntwali sa llum;*

*Illi ghalhekk isegwi ilil f'dan il-kaz huma sodisfatti l-kritejri kollha mehtiega mil-Ligi sabiex jigi pronunzjat il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.*

*Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:-*

1. *Tiddikjara l-hall taz-zwieg iccelebrat bejn il-partijiet nhar it-12 ta' Awwissu 2012, ai termini ta' l-Artikolu 66D(2) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta; u*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex entro t-terminu ffissat minn dina l-Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-pronunzja ta' hall taz-zwieg ossia d-divorzju bejn il-partijiet, sabiex dana jigi registrat fir-Registru Pubbliku ai termini ta' l-Artikolu 66A(4) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**NM xehdet** (vide xhieda a fol 24 et seqq.) illi l-partijiet ilhom sseparati mill-2015 u li minn dan iz-zwieg huma kellhom tifla li ghadha minorenni. Xehdet illi l-manteniment dejjem thallas u ghalhekk ma hemmx pendenzi tal-istess. Di piu', iddikjarat li ma hemm ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet dana peress li huma jghixu hajjiet separati minn xulxin.

**DB xehed** (vide xhieda a fol 27 et seqq.) u kkonferma u kkollabora dak li xehdet M.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-***

***separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar il-11 ta Awwissu 2012[1], b'Att taz-zwieg numru 2094/2012 (Dok A fol 3) u minn dan iż-żwieġ huma kellhom tifla li ghadha minorenni;

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Fiona Zammit Armeni, datat 12 ta' Lulju 2016 (vide Dok.B fol 4 et seqq.) u ghalhekk jirrizulta illi ilhom legalment separati ghal aktar mill-erba' snin rikjesti mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta sufficjentement ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja bejn il-partijiet il-hall taz-zwieg li ghandu certifikat numru 2094/2012 u tordna lir-Registratur**

[1] U mhux 12 ta' Awwissu 2012 kif iddikjarat fir-rikors promotur.

**tal-Qrati sabiex, fi zmien moghti mil-ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez ikunu divizi bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**